MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
### MAGISTRAT DR.
### AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2014

Numru. 1082/2011

**Il-Pulizija**

**Spettur Fabian Fleri**

**vs**

**Peter Camilleri**
**Peter Paul Camilleri**
**Jesrit Angel Camilleri**
**Carren Camilleri**
**Joseph Medina**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta';

**Peter Camilleri** ta' 56 sena, iben Coronato u Paola nee' Zerafa, mwieled Zabbar nhar is-7 ta' Dicembru 1955 u residenti gewwa 11, Kon Cha Ros, Triq iz-Zabrella, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 42856(M);

**Peter Paul Camilleri** ta' 21 sena, iben Peter u Vincenza nee' Grech, mwieled Pieta' nhar it-3 ta' Novembru 1989, u residenti

gewwa Jeanlee, Flat 8, Triq ic-Cimiterju, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 515289(M);

**Jesrit Angel Camilleri** ta' 21 sena, iben Peter u Vincenza nee' Grech, mwieled Pieta' nhar it-3 ta' Novembru 1989, u residenti gewwa 11, Kon Cha Ros, Triq iz-Zabrella, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 515389(M);

**Carren Camilleri** ta' 31 sena, iben Nazzareno u Emanuela nee' Saliba mwieled Pieta' nhar id-9 ta' Settembru 1980 u residenti gewwa 20, Carren, Triq l-Inhasa, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 335280(M);

**Joseph Medina** ta' 46 sena, iben Alan u Salvina nee' Camilleri, mwieled Zabbar nhar il-21 ta' Dicembru 1964 u residenti gewwa Flat 5 Qasam Tal-Bini Tal-Gvern, Binja L Entrance B, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 53265(M);

Akkuzati talli:

1. Fil-25 ta' Settembru 2011, ghal habta ta' 02 :30hrs, gewwa Triq il-Qaliet, Marsaskala, volontarjament hebbew ghal-persuna ta' il-Kuntistabbli tal-Pulizija 684 Francis Formosa u kkagunawlu fertiti ta' natura gravi skond ma ccertifika Dr. Christian Zammit MD ta' l-isptar Mater Dei ;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jikkommettu delitt u cioe li minghjar li hsieb li jqotlu jew

li jqieghdu il-hajja tal-Kuntistabbli tal-Pulizija 847 Jurgen Zerafa f'perikolu car, ikkagunaw offiza ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna tieghu urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta taghhom ;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hebbew ghal-persuna ta' PC847 Jurgen Zerafa u kkagunawlu feriti ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. Anthony Mifsud MD tac-Centru Tas-Sahha ta' Rahal Gdid ;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb fuq il-Kuntistabbli tal-Pulizija 684 Francis Formosa u il-Kuntistabbli tal-Pulizija 847 Jurgen Zerafa, li hija vjolenza pubblika, li huma persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur tal-artikolu 98 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ingurjaw jew heddu, jew ghamlu offiza fuq il-persuni ta' zewg ufficjali tal-Korp tal-Pulizija u cioe il-Kuntistabbli tal-Pulizija 684 Francis Formosa u il-Kuntistabbli tal-Pulizija 847 Jurgen Zerafa, persuni inkarigati skond il-Ligi minn

servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghuhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz ;

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi m’obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita’ jew ta’ wiehed inkarigat minn servizz pubbliku u cioe’ il-Kuntistabbli tal-Pulizija 684 Francis Formosa u il-Kuntistabbli tal-Pulizija 847 Jurgen Zerafa, jew ma hellewhomx jew fixkluhom waqt li kienu jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b’xi moghod iehor, bla jedd, indahlu fi dmirijiethom, billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista jaghmel, jew billi giebu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi, jew b’xi moghod iehor li jkun :

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi qalu kliem oxxen fil-pubbliku

8. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser volontarjament il-bon-ordni w l-kwiet pubbliku.

Carren Camilleri wahdu akkuzat ukoll talli :

1. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sar ricediv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D. datata 30 ta’ Ottubru 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti kienet genitilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tas-26 ta' Ottubru 2012 (inserita a fol. 346 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

Fil-konfront ta' Peter Camilleri, Peter Paul Camilleri, Jesrit Angel Camilleri, Carren Camilleri u Joseph Medina :-

(a) fl-artikoli 41(1)(a), 214, 218(1)(a)(b) u 222(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(b) fl-artikoli 214, 216(1)(a)(i)(b)(d)(2) u 222(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(c) fl-artikolu 96(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(d) fl-artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(e) fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(f) fl-artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(g) fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(h) fl-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(i) fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Fil-konfront biss ta' Carren Camilleri wkoll :-

(j) fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li l-imputati waqt l-udjenza tas-17 ta' Jannar 2013, l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni, mill-Parti Civili u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incidenti li nqalghu fil-25 ta' Settembru 2011 ghall-habta ta 02.30hrs gewwa Triq il-Qaliet, Marsascala waqt li mistednin li kienu hergin minn sala ta' tieg l-ewwel bdew jiggieldu bejniethom u mbaghad sfaw attakkati zewg membri tal-korp tal-Pulizija, PC 684 Francis Formosa u PC 847 Jurgen Zerafa, fejn gew kagunati griehi ta' natura gravi lil PC 684 u griehi ta' natura hafifa lil PC 847. Dawn iz-zewg kuntistabbli kienu bl-uniformi u kienu fuq extra duty u gew imqabda minn sid is-sala tat-tigijiet Villa Sant'Anna sabiex izommu l-ordni u jaraw li ma jinqalghax inkwiet. Il-griehi li

sofrew iz-zewg membri tal-Korp tal-Pulizija jinsabu elenkati u spjegati fic-certifikati medici nseriti a fol. 38, 39 u 75 sa 77 tal-atti processwali. Wara li sehhew l-imsemmija ncidenti gew arrestati il-hames imputati fil-kawza odjerna fejn huma rrilaxjaw l-istqarrijiet nseriti a fol. 40 sa 60 tal-atti processwali.

Ikkunsidrat:

PC 684 Francis Formosa li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2011 fejn spjega li fid-data in dizamina huwa kien xoghol flimkien ma' PC 847 fis-sala tat-tigijiet Sant'Anna, f'Marsascala, fejn it-tieg spicca ghall-habta tas-02.30hrs u kien hemm numru konsiderevoli ta' nies fis-sakra. Dan ix-xhud spjega li wara li hu u l-kollega tieghu ghalqu l-bieb tas-sala u kienu nezlin it-tarag innutaw zewg nisa jargumentaw u jimbuttaw lil xulxin u huwa mar jikkalmahom, u l-kollega tieghu mar sabiex jikkalma lil xi mistednin ohra li sadanittant bdew joffendu u jghajru lil xulxin. F' daqqa wahda huwa ra lil siehbu cirkondat minn dawn in-nies u qed jaqla' d-daqqiet u huwa mar jghinu u qala' lil xi hadd minn fuqu u mbaghad huwa stess spicca mal-art u safa' jaqla' d-daqqiet ta' sieq. Ix-xhud spjega li gie mghejjun minn xi nies sabiex iqum minn mal-art u waqt li hu u l-kollega tieghu kienu telqin minn fuq il-post bil-mixi hass lil xi hadd gej bil-girja minn warajh u qala' daqqa bis-sahha fejn spicca mal-art jitkaxkar mat-tarmac, u dak il-hin hass ugiegh kbir f' idejh fejn wara rrizulta li kellu ksur fil-polz.

PC 847 Jurgen Zerafa li xehed f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2011 spjega li fil-gurnata u hin in

dizamina wara li ghalqu l-bieb tas-Sala tat-tigijiet u kienu nezlin it-tarag nqala' argument bejn mara anzjana Maria Azzopardi, u mistiedna ohra, certu Chantelle Previ, fejn wahda minnhom ghajret lill-ohra u l-ohra rrispondiet billi ghajret lill-familja taghha. Peress li fuq il-post kien ghad baqa' hafna mill-membri tal-familja li giet mghajra dawn qabdu joffendu lil din il-mara. Ix-xhud identifika lill-imputat Jesrit Angel Camilleri bhala wiehed minn dawn il-persuni u indika wkoll li l-imputat Carren Camilleri tant kien fis-sakra li kellhom jigbruh in-nies mill-art. Ix-xhud spjega inoltre li PC 684 ha hsieb jikkalma s-sitwazzjoni bejn iz-zewg nisa u huwa mar sabiex jikkonvinci l-bqija tan-nies li kien hemm jitilqu lejn id-dar bil-kwiet u malli ghamel hekk l-imputat Jesrit Angel Camilleri qallu l-kliem 'tindahalx bahnan'. Ix-xhud qal li huwa ma tax kasu u rega' beda' jghid lin-nies sabiex jitilqu minn fuq il-post, izda l-istess imputat rega' rrepeta dan il-kliem. U meta huwa kien ser javvicinah sabiex jghidlu ma jkompliex b'dan l-atteggjament l-imputat Peter Camilleri mar fuqu bil-girja u laqtu fin-naha tal-lemin t'ghonqu u huwa gie mwaqqa' mal-art fejn imbaghad bdew jaghtuh bis-sieq u bil-ponn kemm Peter Camilleri kif ukoll uliedu Jesrit Angel Camilleri u Peter Paul Camilleri. Wara ftit inghaqdu maghhom Carren Camilleri u Joseph Medina. . Huwa jghid li dawn ilkoll bdew jaghtuh bis-sieq u huwa dar b' wiccu mal-art sabiex jissalvagwardja wiccu u snienu. Huwa qal li f' hin minnhom waqaf jaqla' d-daqqiet u hass lil xi hadd jerfghu minn mal-art fejn imbaghad ra lil xi nies jattakkaw lil PC 684. Dan ix-xhud spjega li waqt li hu u PC 684 kienu ser jitilqu minn fuq il-post hass imbuttatura minn wara u hu u PC 684 spiccaw mal-art fejn PC 684 ma setghax iqum u beda' jghajjat bl-ugiegh li kellu f'idejh u mbaghad huwa u xi nies

ohra ghenuh iqum minn mal-art. Dan ix-xhud spjega li bhala konsegwenza tal-incident huwa kellu brix m’ ghonqu, ma’ widnejh u fuq il-kappell t’ ghajnejh dejjem fin-naha tal-lemin kif ukoll gundalla f’ rasu fuq wara lejn ix-xellug.

Illi f’dawn il-proceduri xehed ukoll Chris Scerri[1] fejn dan qal li ra lil Jesrit joffendi lin-nisa li bdew jargumentaw u qal li ra lil PC 847 isikket lil Jesrit u dan beda joffendih. Qal li meta Jesrit telaq jigri hu ma jigri warajh u waqfu u staqsih x’ qed jaghmel. Qal li ra lil hames imputati jaghtu liz-zewg Pulizija. Qal li zamm lil Peter Paul bl-ghajnuna ta’ Jodie Sciberras u mexxieh ‘l hemm u meta staqsih x’ qed jaghmel dan qallu li hu “ala biebu”, harablu u mar bil-girja jimbotta liz-zewg Pulizija li kienu mexjin ‘l hemm daharhom lejh. Qal ukoll li meta kien qed iwassal lil Peter Paul id-dar dan qallu li ghamel hekk u “ghax gew bil-Liba ma’ missieri”. Ikkonferma illi Carren gharfu ghax kien liebes qmis vjola u gharfu mir-ritratt u specifika ukoll fix-xhieda tieghu a folio 126 tal-Process.

Fl-istqarrija minnu rilaxxjata u nserita a fol. 51 u 52 l-imputat Peter Camilleri qal li huwa kien sema’ lill-ibnu Jesrit Angel Camillri joffendi lil certu Chantelle u mbaghad sema’ lil PC 847 isiktu u lill-istess ibnu jghajjar lil kuntistabbli ‘bahnan’ u jghid li malli huwa ra lil dan tal-ahhar sejjer lejn ibnu mar fuqu u gerbu mal-art. Huwa kkonferma li fl-ebda hin ma gie msawwat mill-Pulizija u qal ukoll li Carren Camilleri u Joseph Medina kienu l-persuni li refghuh minn mal-art. L-imputat Peter Camilleri ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-15 ta’ Frar

[1] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 99 et sequitur tal-atti processwali.

2013 fejn sostna li huwa ra lil pulizija sejjer b'rankatura lejn ibnu Jesrit Angel Camilleri u li ghalhekk huwa mar fuqu u spiccaw mal-art. Fl-istqarrija nserita a fol. 47 u 48 l-imputat Peter Paul Camilleri qal li ra lil PC 847 isikket lil huh Jesrit u lil missieru jmur jargumenta mal-Pulizija u jaqilbu mal-art. Huwa qal ukoll li l-Pulizija qam minn mal-art u huwa mbaghad rega' mbuttah u waqqghu u mbaghad dak il-hin missieru, huh Jesrit, Carren Camilleri u Joseph Medina marru fuq il-kuntistabbli u bdew jaghtuh.  U huwa kien ser jaghmel bhalhom izda gie migbud minn Chris Scerri izda huwa harablu u mar jigri lejn iz-zewg pulizija li kienu mexjin u waqaghhom it-tnejn mal-art. Huwa qal li l-pulizija pruvaw jiddefendu ruhhom u sostna li huwa agixxa b'dak il-mod ghaliex kien fis-sakra u ma hasibiex.  Jesrit Angel Camilleri fl-istqarrija minnu rilaxxjata u nserita a fol. 43 u 44 tal-atti processwali jghid li huwa kien offenda lil certu Chantelle li kienet bdiet targumenta ma' Zitu u sostna li dak il-hin beda' jsiktu ragel u huwa mbaghad ghajru 'bahnan' u meta ra lil dan ir-ragel gej lejh huwa telaq jigri u meta hares lura ra lill-Pulizija mal-art ma missieru Peter Camilleri u ra lil huh Peter Paul Camilleri u lil Carren Camileri u Joseph Medina jaghtuh bis-sieq. Jesrit Angel Camilleri jghid li huwa mbaghad mar lura lejhom u ta bil-ponn f' wicc l-istess Pulizija. Jesrit Angel Camilleri spjega li huwa kien fis-sakra. Jesrit Angel Camilleri ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-12 ta' April 2013 fejn sostna li wara li beda' jghajjar lil dik il-mara li kienet qed targumenta ma Zitu kien hemm persuna li siktu u huwa qallu sabiex ma jindahalx u qalu 'bahnan' u din il-persuna mbaghad giet tigri bir-rankatura lejh u huwa telaq jigri u rikeb fil-vettura ma' huh Charlie u telqu minn fuq il-post. In kontro-ezami

Jesrit Angel Camilleri sostna li huwa gie mgieghel mill-Pulizija sabiex jiffirma l-istqarrija minnu rilaxxjata. L-imputat Carren Camilleri fl-istqarrija minnu rilaxxjata u nserita a fol. 59 u 60 jghid li huwa kien fis-sakra u ma jiftakar xejn minn dak li gara. Huwa ghazel ll jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-10 ta' Marzu 2013 fejn qal li kien ra liz-zewg nisa jiggieldu meta kien hiereg mis-sala tat-tieq izda meta mar bejniethom rewa saqajh u ghalhekk telaq 'l hemm flimkien ma' siehbu Stefan. Huwa qal li fl-ebda hin ma kien ra lil Pulizija jew kien involut fi glieda maghhom. L-imputat Joseph Medina fl-istqarrija nserita a fol. 59 u 60 kkonferma li kien offenda lill-Pulizija. Huwa qal ukoll li ra lil Peter Camilleri jsawwat lil Pulizija u fl-ahhar qal illi jista' jkun li huwa wkoll sawwat lil Pulizija izda ma setghax jiftakar.

Ikkunisidrat:

Illi fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-20 ta' Ottubru 2012 l-Avukat Generali deherlu li tista' tinstab htija fil-konfronti tal-imputati kollha talli kkagunaw griehi ta' natura gravi lil PC 684 Francis Formosa kif ukoll ta' attentat ta kagunar ta' feriti gravi fuq PC 847 Jurgen Zerafa u talli kkagunaw feriti ta' natura hafifa lill-istess PC 847. L-Avukat Generali deherlu wkoll li tista' tinstab htija taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 96(b), 95(1), 339(1)(d), 338(bb), 338(dd) u 338(ee) tal-Kodici Kriminali.

<u>Griehi gravi fuq il-persuna ta' PC 684 Francis Formosa.</u>

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jirrizulta minghajr ombra ta' dubju li l-griehi kagunati lil PC 684 kienu ta' natura gravi u bil-konsegwenzi ndikati fl-Artikolu 216(1)(a)(b) u (d) tal-Kodici Kriminali kif ukoll li dawn il-griehi gew kagunati mill-imputat Peter Paul Camilleri u mhux mill-ko-imputati l-ohra. Dan jirrizulta mhux biss mix-xhieda ta' PC 847 Jurgen Zerafa izda anki mix-xhieda ta' Chris Scerri kif ukoll mill-istqarrija tal-istess imputat Peter Paul Camillleri. Il-Qorti tixtieq tirrileva li mix-xhieda tal-vittma jirrizulta car li l-ksur fil-polz gie kagunat fil-mument li hu u PC 847 kienu ser jitilqu minn fuq il-post u mbaghad hass lil xi hadd gej bil-girja minn warajhom fejn gew imbuttati mal-art. Kien f'dan il-mument li l-vittma hass l-ugiegh kbir f'idejh u ma setghax iqum minn mal-art. Isegwi ghalhekk li huwa l-imputat Peter Paul Camilleri wahdu li ghandu jinstab hati li kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PC 684 Francis Formosa.

<u>Il-griehi kagunati lil PC 847 Jurgen Zerafa.</u>

Illi rrizulta mill-provi li l-griehi kagunati lil PC 847 kienu ta' natura hafifa izda kif gie ndikat aktar 'il fuq fil-korp ta' din is-sentenza, l-Avukat Generali ndika li tista' tinstab htija fil-konfronti tal-imputati kollha talli ttentaw jikkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PC 847 Jurgen Zerafa. Jibda' sabiex jinghad li PC 847 identifika b'mod car u inekwivoku lill-imputat Peter Camilleri bhala l-persuna li waqqghu mal-art u beda' jaghtih bis-sieq, u lill-imputati Peter Paul Camilleri, Jesrit Angel Camilleri, Carren Camillleri u Joseph Medina bhala l-persuni li mbaghad komplew jaghtuh bis-sieq waqt li kien mal-art. Il-Qorti

setghat ukoll tikkonstata li l-imputati Peter Camilleri u Jesrit Angel Camilleri fl-istqarrijiet minnhom rilaxxjati qalu li huma bdew jaghtu daqqiet lill-pulizija li kien mal-art. Inoltre ix-xhud Chris Scerri ukoll indika li kien ra lill-hames imputati jaghtu bis-sieq u bil-ponn liz-zewg pulizija. Il-Qorti jidrilha li li mill-mod kif PC 847 Jurgen Zerafa ddeskriva li beda' jaqla' d-daqqiet jirrizulta car li l-persuni li bdew jaghtuh l-istess daqqiet ta' ponn u ta' sieq riedu jikkagunawlu griehi ta' natura gravi u li dan ma sehhx minhabba xi haga li kienet indipendenti mill-volonta' taghhom. Il-Qorti tixtieq tirrileva li ghalkemm l-imputati Jesrit Angel Camilleri u Peter Camileri pruvaw ibidlu l-verzjoni minnhom moghtija fl-istqarrija meta huma ghazlu li jixhdu quddiem din il-Qorti, il-Qorti mghandha l-ebda dubju li hija l-verzjoni li huma taw fl-istqarrija li tirrifletti l-verita' tal-fatti. Dan jinghad anki ghaliex kif ghadu kemm gie appena rilevat il-verzjoni li huma  taw fl-istqarrija hija korroborata mix-xhieda tal-vittmi kif ukoll mix-xhieda ta' Chris Scerri. Din il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-hames imputati ghandhom jinstabu hatja talli ttentaw jikkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PC 847 Jurgen Zerafa. Isegwi ghalhekk li t-tielet imputazzjoni ghandha titqies bhala assorbita fit-tieni mputazzjoni.

Ikkunsidrat :

Illi l-raba' (4), il-hames (5) u t-tmien (8) mputazzjoni wkoll jirrizultaw pruvati fil-konfronti tal-imputati kollha kemm mill-istqarrijiet rilaxxjati minnhom stess kif ukoll mix-xhieda tal-vittmi u tax-xhud tal-Prosekuzzjoni Chris Scerri.

Il-Qorti jidrilha li i-sitt imputazzjoni tirrizulta pruvata biss fil-konfronti tal-imputat Jesrit Angel Camilleri filwaqt li s-seba' mputazzjoni ma tirrizutax pruvata sal-grad rikjest mill-ligi fil-konfronti ta'ebda wiehed mill-imputati

L-imputat Carren Camilleri jinsab ukoll akkuzat bl-addebitu tar-recidiva. F'dan ir-rigward il-Prosekuzzjoni esebiet is-sentenza relattiva tat-30 ta' Ottubru 2008[2] fejn hemm ukoll inidikati l-konnotati tal-imputat li ma jhallu l-ebda dubju li dik is-sentenza inghatat fil-konfronti tal-imputat Carren Camilleri fil-kawza odjerna. L-imputat ser jitqies li huwa recidiv taht l-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputati hebbew u attakkaw zewg membri tal-Korp tal-Pulizija li kienu qeghdin jaghmlu xogholhom izda kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputati agixxew b'dan il-mod meta kienu fi stat ta' sokor u li huma lkoll ghandhom fedini penali nodfa jew relattivament nodfa u fic-cirkostanzi jidrilha li piena karcerarja sospiza tkun l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas-26 ta' Ottubru 2012 u senjatament l-Artikoli 41(1)(a), 214, 218(1)(a)(b), 222(1)(c), 96(b), 95(1), 339(1)(d), 338(dd),17 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Peter Camilleri hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5) u tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tnax

[2] Inserita a fol. 310 u 311 tal-atti processwalli.

(12) –il xahar prigunerjia li b'applikazzjni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kiminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentejn (2) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Peter Camilleri mhux hati tal-ewwel (1), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

Wara li rat l-artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas-26 ta' Ottubru 2012 u senjatament l-Artikoli, 214, 216, (1)(a)(b)(d)(2), 222(1)(c), 41(1)(a), 214, 218(1)(a)(b), 222(1)(c), 96(b), 95(1), 339(1)(d), 338dd),17 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Peter Paul Camilleri hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5) u tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah ghoxrin (20) xahar prigunerjia li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' tliet (3) snin millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Peter Paul Camilleri mhux hati tas-sitt u tas-seba' mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

Wara li rat l-artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas-26 ta' Ottubru 2012 u senjatament l-Artikoli 41(1)(a), 214, 218(1)(a)(b), 222(1)(c), 96(b), 95(1), 339(1)(d), 338dd), 338(ee), 17 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Jesrit Angel Camilleri hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5) tas-sitt (6) u tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tnax (12) –il xahar prigunerjia li b'applikazzjni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kiminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentenjn (2)

millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Jesrit Angel Camilleri mhux hati tal-ewwel (1) u tas-seba' mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

Wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas-26 ta' Ottubru 2012 u senjatament l-Artikoli 41(1)(a), 214, 218(1)(a)(b), 222(1)(c), 96(b), 95(1), 339(1)(d), 338dd),17, 31 u 49 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lil-imputat Carren Camilleri hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5) u tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tal-imputati kollha u tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu wahdu u tikkundannah erbatax (14) –il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentejn (2) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Carren Camilleri mhux hati tal-ewwel (1), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom

Wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas-26 ta' Ottubru 2012 u senjatament l-Artikoli 41(1)(a), 214, 218(1)(a)(b), 222(1)(c), 96(b), 95(1), 339(1)(d), 338dd),17 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Joseph Medina hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5) u tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tnax (12) –il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentejn (2) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Joseph Medina mhux hati tal-ewwel (1), tas-sitt (6) u

tas-seba' (7) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti torbot lill-imputati kollha b'obligazzjoni personali taht penali ta' hames mitt Ewro (€500) ghal zmien tnax (12) –il xahar millum milli jimmolestaw jew jivvessaw lil PC 684 Francis Formosa u lil PC 847 Jurgen Zerafa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------